MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 170/2008

**Andrea Fenech Gonzaga (I.D. Nru. 356386M)**

**Vs**

**Caroline Busuttil Naudi**

**It-Tribunal,**

Ra’ l-Avviz tat-Talba permezz ta’ liema l-attur jitlob li l-konvenuta tigi ikundannata thallsu s-somma ta’ sebgha u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€97.83) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni li sofra meta l-konvenuta kisret l-Apple Ipod tieghu fil-15 ta’ Novembru 2007, ghal liema incident hija unikament responsabbli l-istess konvenuta. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja datata 27 ta’ Novembru 2007 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta.

Ra’ r-Risposta tal-konvenuta permezz ta’ liema tilqa’ ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li t-talba ta’ l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi kien l-istess attur li ikkawza l-hsara fl-

Apple Ipod proprjetà tieghu, fil-15 ta' Novembru 2007, u dana sew b'negligenza u traskuragni da parte tieghu. Ghalhekk titlob li t-talba attrici tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja responsiva datata 5 ta' Dicembru 2007.

Ra' x-xhieda li ta l-attur waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2008 u sema' x-xhieda li taw Rachel Azzopardi u Ron Atkins waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2009, ix-xhieda li tat il-konvenuta waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2009 u waqt is-seduta tas-6 ta' April 2009 u x-xhieda li tat Corazon Mizzi waqt is-seduta tas-6 ta' April 2009.

Ra' l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-partijiet kontendenti u mix-xhieda minnhom prodotti, in partikolari d-dokumenti Dok. "AFG1" sa' Dok. "AFG5" esebiti mill-attur minn fol.18 sa' fol.23 tal-process u Dok. "LB1" ukoll esebit mill-attur a fol.38 u 39 tal-process, Dok. "RA1" esebit minn Ron Atkins a fol.35 tal-process, Dok. 1 u Dok. 2 esebiti mill-konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' Gunju 2009 u Risposta ta' l-attur b'dokumenti annessi pprezentata fis-6 ta' Lulju 2009 in risposta ghall-imsemmija Nota tal-konvenuta.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra' li waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti:**

**L-attur** xehed waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2008 u ddikjara li fl-15 ta' Novembru 2007 huwa kellu *lecture* l-Università fil-*Gateway Building*. Meta hareg mill-karozza pogga l-Ipod tieghu fil-but ta' wara tal-qalziet u beda miexi lejn il-*Gateway Building*. Kif wasal ra lill-konvenuta u zewg persuni ohra jitkellmu barra l-*Gateway Building* u dawn infurmawh li l-*lecture* kienet thassret. Kif sema' hekk l-attur rega' beda miexi lura minn fejn kien gie. Il-konvenuta kienet miexja warajh u f'hin minnhom gibdet il-wire ta' l-Ipod li jien qed jisporgi mill-but ta' wara tal-qalziet tieghu bil-konsegwenza li dan l-Ipod tar u waqa' ma' l-art. Kif gabar l-Ipod mill-art ra' li ma bediex jixghel u dak il-hin

stess qal b’dan lill-konvenuta illi talbitu l-Ipod biex tivverifika hi stess li dan ma kienx qed jixghel.

L-attur u l-konvenuta tkellmu bejniethom dwar fejn seta’ jiehu l-Ipod biex jissewwa u qal lill-konvenuta li sa’ fejn kien jaf hu l-unika kumpannija li hija *autorised repairer* tal-prodotti ta’ l-Apple hija l-kumpannija SG Solutions. Il-konvenuta qaltlu li ma kenitx ser thallsu ghall-Ipod jekk hu ma jaghtihuliex ha tiehdu ghat-tiswija hi izda hu l-ewwel ried jara jekk il-garanzija fuq l-Ipod kenitx ghadha valida.

Bhala fatt irrizulta li l-garanzija kienet skadiet xi ftit xhur qabel ma’ sehh dan l-incident. L-attur informa b’dan lill-konvenuta u infurmaha wkoll li kien ser jiehu l-Ipod ghand il-kumpannija SG Solutions li, minn verifiki li ghamel irrizultat l-unika kumpannija li ssewwi prodotti ta’ l-Apple[1]. Fil-frattemp il-konvenuta baqghet ma qalitx lill-attur fejn seta’ jiehu l-Ipod biex jissewwa.

L-attur gie infurmat mill-SG Solutions li l-Ipod ma kienx jissewwa izda seta’ jintbghat barra ghar-*refurbishment* jew inkella jinghata mudell bhalu izda *re-conditioned* verso spiza ta’ €97.50, li huwa l-ammont ta’ danni reklamat minnu permezz tal-proceduri odjerni.

L-attur kemm il-darba talab lill-konvenuta biex thallsu ghall-hsara li sofra, u dana anke permezz ta’ ittri bil-miktub, izda hi baqghet ma hallsitux u ghalhekk kien kostrett jistitwixxi l-proceduri odjerni fil-konfront taghha.

In kontro-ezami l-attur ma qabilx mas-suggeriment li l-konvenuta mhux gibdet l-Ipod mill-but tal-qalziet tieghu izda ppruvat tilqa’ l-istess Ipod u izzommu milli jaqa’. L-attur qal li wara l-incident mhux talli lill-konvenuta halliha tara l-Ipod in kwistjoni talli addirittura tahulha f’idejha. L-attur lanqas ma qabel li l-konvenuta kienet qaltlu li kienet lesta tmur mieghu biex jaraw fejn seta’ jissewwa dana l-Ipod.

[1] Dok. “AFG1” sa’ Dok. “AFG4” a fol.19 sa’ 22 tal-process.

Huwa spiega li mar ghand il-kumpannija SG Solutions dakinhar stess ta' l-incident wara li kien cempel lill-konvenuta biex jinfurmaha li kien sejjer ghandhom. Spiega wkoll illi Ipod gdid jiswa' ferm iktar minn tnejn u erbghin Liri Maltin, illum ekwivalenti ghal sebgha u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€97.83).

**Il-konvenuta** xehdet waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2009 u kkonfermat li dakinhar tal-15 ta' Novembru 2007 kellu jinzamm *lecture* fil-*Gateway Building* l-Università izda dan il-*lecture* thassar. Ikkonfermat li hi, certa Rachel Azzopardi u Carzon Mizzi u l-attur bdew jitbeghdu mill-*Gateway Building,* bl-attur miexi quddiemha u hi warajh u Rachel Azzopardi u Carzon Mizzi mixjin warajha.

Il-qbil bejn l-attur u l-konvenuta jieqaf hawn ghaliex il-konvenuta spiegat dak li gara fil-15 ta' Novembru 2007 bil-mod segwenti: *kif konna mexjin, jiena ndunajt illi l-Ipod illi l-attur kellu fil-but ta' wara tal-qalziet tieghu kien qieghed hiereg 'il barra minn dan il-but u kien jidher li ha jaqa'. Il-wire ta' l-earphone kien imdendel u kien jasallu sa' wara irkobbtejh. Jiena kif rajt hekk deherli li sakemm kont sa nilhaq nghidlu li l-Ipod kien ser jaqa' kien x'aktarx jaqalu. Allura ersaqt 'il quddiem u tbaxxejt biex jiena lil dan l-Ipod nilqghu però kif jien tbaxxejt u ghamilt il-moviment l-attur dar lura, jekk inhasadx jew le ma nfax, però zgur li ha spinta 'l quddiem, idi wehlet mal-wire u kif gara hekk l-Ipod waqa' barra mill-but. Jiena ghamilt il-mossa li ghamilt, fis-sens illi ersaqt 'il quddiem biex immiss dan l-Ipod biex inwaqqfu milli jaqa'. Malli l-wire ta' l-earphone qabadli ma' idi, dan l-Ipod waqa' mill-but u gie catt ma' l-art. Ir-reazzjoni ta' l-attur kien li hu nizel biex jigbru u beda jghid li l-Ipod kien tkisser. Fil-frattemp, Rachel Azzopardi u Corazon Mizzi li kienu mixjin warajna gew 'il quddiem hdejna u bdew isaqsuh jekk forsi setax kien out of battery jew out of charge iktar milli bil-hsara. Jiena nghid illi vizwalment dan l-Ipod kien jidher illi ma kellu ebda tip ta' hsara*[2].

---

[2] Fol.40 u 41 tal-process.

Il-konvenuta pprecizat illi ghalkemm tinsab konvinta li ma hijiex responsabbli ghall-fatt li waqa' l-Ipod ta' l-attur, dak il-hin qalet lill-attur biex jaghtiha l-Ipod halli tiehdu ghat-tiswija u tara xi spejjez hemm involuti jew jekk ma jissewwiex taghtih Ipod gdid izda, huwa rrifjuta. Kif rat li l-attur ma riedx jaghtiha l-Ipod offrietlu li jmorru flimkien minflok ma tmur wahdeha u xorta offrietlu l-istess kondizzjonijiet izda l-attur irrisponda *dawn nara ghall-affarijiet tieghi u mbaghad nghidlek*[3].

Skond il-konvenuta waqt li kien qed jinghad dan id-diskors bejnha u l-attur kienu prezenti ukoll Rachel Azzopardi u Corazon Mizzi u din ta' l-ahhar qaltilha *taghtix kaz, huwa fin-natura ta' l-attur li jirreagixxi b'dan il-mod ghal dawn l-affarijiet* u jista' jkun ukoll illi qaltilha *tehodiex bi kbira jekk iressqek il-Qorti*[4]. Dak il-hin il-konvenuta cemplet lill-Avukat taghha u infurmatu b'dak kollu li kien gara.

Madwar nofs guranata wara dan l-incident il-konvenuta rceviet telefonata minghand l-attur fejn infurmaha li kien ser jiehu l-Ipod ghat-tiswija ghand il-kumpannija SG Solutions izda r-risposta taghha kienet illi ladarba ma riedx imur maghha biex dan l-Ipod jissewwa *lili nsini, jien offrejtlek, int ghazilt li tnehhieh minn quddiemi*[5].

Xi zmien wara din it-telefonata l-konvenuta giet notifikata bil-proceduri odjerni.

**Rachel Azzopardi**, wahda miz-zewg persuni li kien hemm ma' l-attur u l-konvenuta dakinhar tal-15 ta' Novembru 2007, xehdet illi *niftakar illi darba minnhom konna grupp ta' studenti hdejn il-gateway building. L-attur kellu l-MP3 player fil-but ta' wara tal-qalziet u kellu l-wire ta' l-earphones hiereg mill-but. Naf illi l-konvenuta f'hin minnhom gibdet il-wire izda ma nafx ghalxiex gibditu u kif gibdet il-wire l-konvenuta l-MP3 player waqa' mill-but ta' wara ta' l-attur. X'hin waqa' ma' l-art ippruvaw ihaddmuh izda dan ma setax jahdem. Bilkemm naf illi l-attur u l-*

3 Fol.41 tal-process.
4 Fol.41 u 42 tal-process.
5 Fol.42 tal-process.

*konvenuta tkellmu bejniethom dwar min kellu jirranga dan l-MP3 player, jiena ma tajtx kaz x'kien qed jinghad*[6].

Rachel Azzopardi ma setghetx tiftakar sew x'diskors intqal bejn l-attur u l-konvenuta dakinhar tal-15 ta' Novembru 2007, l-unika haga li tiftakar hi li l-partijiet kontendenti ma kienux qed jaqblu bejniethom.

**Corazon Mizzi**, it-tfajla l-ohra li kienet prezenti fil-15 ta' Novembru 2007, xehdet illi *jiena qieghda l-Università u qieghda fil-kors tal-Ligi. Lill-partijiet it-tnejn nafhom. Jiena naf ukoll bl-incident li gara bejniethom. Niftakar illi dakinhar ahna konna hergin minn lecture. Jiena u l-konvenuta konna mexjin wara l-attur. L-attur kellu l-wire tal-Ipod hiereg jidher mill-but ta' wara tal-qalziet. Naf illi hin minnhom, il-konvenuta gibdet il-wire ta' dan l-Ipod. Ghalfejn gibditu jiena ma nafx. Naf illi dak il-hin l-Ipod waqa'. X'hin l-attur mar biex jixghel dan l-Ipod, l-Ipod ma xeghelx. Jiena naf illi dak il-hin inqala' dizgwid bejn l-attur u l-konvenuta dwar min minnhom kien ser isewwi l-Ipod. Ghalkemm jiena kont prezenti, rrid nippreciza li f'din il-kwistjoni ma dhaltx b'mod dirett, anzi jiena nghid li dak il-hin jiena bqajt b'pass lura. Jiena nghid illi dan huwa dak kollu li naf dwar l-incident*[7].

Corazon Mizzi cahdet li lill-konvenuta qaltilha biex ma tohodhiex bi kbira jekk l-attur jdahhalha l-Qorti.

**Ron Atkins**, impjegat mal-kumpannija SG Solutions, xehed illi din il-kumpannija hija l-unika *authorised service provider* hawn Malta. Meta l-attur mar bl-Ipod tieghu ghandhom halli jaraw xi hsara kellu Atkins mill-ewwel infurmah illi ladarba l-Ipod waqa' kwalunkwe garanzija li dan seta' kellu fuqu giet invalidata.

Ix-xhud spiega li l-uniku mod kif seta' jissewwa l-Ipod kien billi jinbidel il-*unit* kollu peress li ma hijiex il-procedura ta' l-Apple li tipprovdi *spare parts*. SG Solutions ma ghandha

---

[6] Xhieda moghtija minn Rachel Azzopardi waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2009 fol.29 tal-process.

[7] Xhieda moghtija minn Corazon Mizzi waqt is-seduta tas-6 ta' April 2009, fol. 48 u 49 tal-process.

ebda garanzija li l-*units* li tircievi minghand l-Apple ikunu godda ghaliex jista' jkun il-kaz li dawn ikunu *re-conditioned*.

It-tiswija necessarja kienet ser tigi tiswa madwar €97.83 skond *job card* mahruga favur l-attur u esebita minn Ron Atkins bhala Dok. "RA1" a fol.35 tal-process. Atkins spiega li dan il-prezz kien *standard price* ghal din it-tip ta' tiswija. Ghalkemm inharget stima ghax-xoghol ta' riparazzjoni, sad-data meta Atkins xehed quddiem dan it-Tribunal u cioè sas-16 ta' Frar 2009, l-attur kien ghadu ma hax l-Ipod ghat-tiswija ghandhom.

Permezz ta' e-mail datata 17 ta' Frar 2009 u esebita mill-attur a fol.39 tal-process, Ron Atkins ta s-segwenti informazzjoni: *The iPod Nano # YM605SSFTK2 was purchased from SG Solutions on the 8th March 2006 for €267.88 including Vat. The replacement cost on the date when the ipod was damaged (15/11/07) was €97.83. The replacement charge today is €143 which is the same as a brand new 8G Nano.*

Permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' Gunju 2009, il-konvenuta esebiet diversi riklami bi prezzijiet kwotati ghall-bejgh ta' iPod 4GB li huwa l-istess mudell bhall-Ipod meritu tal-kontestazzjoni.

Permezz ta' Risposta pprezentata fis-6 ta' Lulju 2009 l-attur ikkontesta l-validità tal-prova li l-konvenuta ppruvat taghmel permezz ta' dawn ir-riklami in bazi ghas-segwenti ragunijiet: (a) l-offerta ghall-Ipod indikata fid-Dok. 1 ma hijiex offerta finali stante li l-gheluq ta' l-offerti kien jiskadi fit-23 ta' Lulju 2009, ossia f'data wara li gie pprezentat l-istess riklam mill-konvenuta; u (b) il-bejjiegh ta' l-Ipod indikat fid-Dok. 2 ma huwiex persuna affidabbli u fl-ahhar mill-ahhar il-kompratur jista' jispicca bi prodott li ma huwiex dak li effettivament akkwista bil-konsegwenza li jinkorri fi spejjez ulterjuri.

Essenzjalment l-attur jikkontendi li l-ezempji moghtija mill-konvenuta fil-verità ma jirriflettux l-prezz ta' l-Ipod in kwistjoni fis-suq hawn Malta.

**Konsiderazzjonijiet:**

Mill-provi prodotti huwa ferm evidenti li l-attur u l-konvenuta jaghtu zewg versjonijiet kompletament differenti dwar l-incident li sehh bejniethom fil-15 ta' Novembru 2007.

L-attur jikkontendi li l-konvenuta gibditlu l-wire ta' l-Ipod mill-but ta' wara tal-qalziet bil-konsegwenza li l-Ipod waqa' u tkisser filwaqt li l-konvenuta tghid illi ppruvat tilqa' l-Ipod ta' l-attur li kien jidher ser jaqa' mill-but ta' wara tal-qalziet tieghu izda kif ghamlet il-mossa biex tersaq 'l quddiem l-attur iccaqlaq u l-wire ta' l-Ipod qabdilha ma idha u l-Ipod b'hekk waqa' ma' l-art.

Il-partijiet kontendenti rispettivament ressqu lil Rachel Azzopardi u lil Corazon Mizzi biex jixhdu dwar dak li gara fil-15 ta' Novembru 2007 izda, dawn iz-zewg xhieda ftit li xejn tefghu dawl fuq dak li gara. It-tnejn li huma ikkonfermaw li l-wire ta' l-Ipod ta' l-attur kien imdendel mill-but ta' wara tal-qalziet tieghu u li f'hin minnhom il-konvenuta gibdet dan il-wire izda, ebda wahda minnhom ma kienet f'posizzjoni tieghi ghaliex u ghalfejn il-konvenuta gibdet dan il-wire.

It-Tribunal ghalhekk ghandu quddiemu zewg versjonijiet konfliggenti – dik ta' l-attur u dik tal-konvenuta – dwar kif sehh l-incident in kwistjoni li fil-fehma tieghu entrambe huma plawsibbli u veritjeri. Seta' gara li l-konvenuta gibdet il-wire ta' l-Ipod bil-konsegwenza li waqqghatu kif qed jghid l-attur, izda seta' gara wkoll kif qalet il-konvenuta illi hija hasbet li l-Ipod ta' l-attur kien ser jaqa' mill-but tal-qalziet u kif ippruvat tilqghu l-attur iccaqlaq bil-konsegwenza li qabditilha idha mal-wire ta' l-Ipod u b'hekk waqa'.

Fil-fehma tat-Tribunal fil-kaz in ezami ma tirrizulta ebda cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tieghu favur tezi u mhux l-ohra u ghalhekk f'tali sitwazzjoni jhoss li ghandu japplika l-principju li *ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza*

*ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante reus absolvitur*[8]*.*

Dan il-principju jassumi ferm iktar rilevanza fil-kaz in ezami fejn l-attur jallega li gratlu hsara u sofra danni minhabba tort tal-konvenuta.

F'tali cirkostanza japplika l-principju guridiku enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet **Dottor Herbert Lenicker v. Joseph Camilleri**, deciza ill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 1972: *f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-attur); dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident jkun tal-attur, imma semplicement ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni.*

Dan il-principju guridiku gie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Gemma Cassar Saetta v. Imco Distributors Limited**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar 1999*.*

L-attur ighid illi dakinhar ta' l-incident il-konvenuta accettat li ssewwi l-Ipod u ghalhekk jikkontendi li kien hemm ammissjoni tacita da parte taghha ta' responsabilità ghal li gara u l-hsara rizultanti fl-Ipod.

It-Tribunal però ma jaqbilx ma' din l-osservazzjoni ta' l-attur ghaliex fil-fehma tieghu r-reazzjoni tal-konvenuta x'hin waqa' l-Ipod ma kenitx dettata minn konsapevolezza u konsegwentement ammissjoni ta' responsabilità ghal dak li gara izda, iktar mix-*shock* tas-sitwazzjoni.

---

[8] "Enrico Camilleri v. Martin Borg" Appell Civili Nru. 478/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003 u "Vincent Rausi noe v. Joseph Muscat" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Novembru 1995.

Huwa principju assodat f’kawzi dwar kollizzjonijiet illi meta certi dikjarazzjonijiet jew ammissjonijiet isiru taht ix-*shock* tal-kollizzjoni l-Qrati nostrali jharsu b’certa diffidenza lejn tali dikjarazzjonjiet jew ammissjonijiet ghaliex jezisti dubju jekk min ghamilhom kienx jew le fi stat li jifhem u jqis il-konsegwenzi tad-dikjarazzoni jew ammissjoni[9].

Ghalkemm dan huwa principju solitament applikabbli fi proceduri giudizzjarji dwar kollizzjonijiet, it-Tribunal ma jsib ebda raguni ghaliex dan l-istess principju ma ghandux jigi applikat fil-kaz in ezami. In effetti t-Tribunal ihoss li ma ghandu jaghti ebda affidament jew effett vinkolanti lid-dikjarazzjoni li ghamlet il-konvenuta dakinhar tal-15 ta’ Novembru 2007 fis-sens li kienet lesta thallas ghall-hsara jew tbiddel l-Ipod ta’ l-attur, u b’hekk ma jqisx l-istess bhala forma ta’ ammissjoni da parte taghha tar-responsabilità ghal dak li gara.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuta, jichad t-talba ta’ l-attur. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] “David Warringtom noe v. Emanuel Cardona” Citaz. Nru. 498/94 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju 2003 u “Joseph Sammut v. Francis Falzon et noe” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Marzu 1966.